**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Avviż numru: 10/2022 BS**

**Doreen Morales għan-nom u in rappreżentanza t'uliedha minuri Averie Kailyn Morales u Kendra Valerie Morales.**

**-vs-**

**Juan Miguel Morales Marroquin**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviż** tal-attriċi[1] fejn talbet lill-konvenut jgħid il-għaliex m'għandux ikun ikkundannat li;

Jgħaddi lil uliedu minuri Averie Kailyn Morales u Kendra Valerie Morales, dan billi jiddepożita f'xi bank is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) u ċioe ħamest elef ewro (€5,000) kull wieħed, liema somma ġiet donata lilhom permezz ta' skrittura tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) (Dok A), liema somma huwa approprija għalih.

[1] Avviż a fol 1 u 2 b'dokument anness a fol 3.

**Rat ir-risposta tal-konvenut[2] li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

2. *Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandha tispjega b'liema awtorita' hija agixxietx bil-prezenti proceduri ghan-nom ta' uliedha minuri Averie Kailyn Morales u Kendra Valerie Moralez;*

3. *Illi fit-tieni lok qed jigi eccepit in-nuqqas ta' interess guridiku fir-rikorrenti biex jippromwovu dawn il-proceduri in kwantu huma ma kienux kompartecipi ghall-iskrittura tal l-24 ta' Mejju 2018, u hadd hlief il-partijiet fuq l-istess skrittura m'ghandu jew kellu jedd jinforzaha;*

4. *Illi fil-fatt hawn titratta minn semplici skrittura privata u mhux kuntratt pubblika, u di sua natura, iktar minn kuntratt pubbliku, skrittura privata jkollha biss rabta u effett bejn il-partijiet li jiffirmawha, u ma tkunx torbotx lil terzi persuni;*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk wiehed kellu jaqra u jifhem dak li tipprovdi l-iskrittura ta' l-24 ta' Mejju 2018, ghad ma sehhx l-obbligu fl-intimat li jiddepozita s-somma ta' Eur5,000 f'kont f'isem kull wiehed minn uliedu, izda dan l-obbligu kellu jsehh billi l-esponenti jiddepozita is-somom rispettivi ta' Eur5,000 a favur ta' uliedu fi kwalunkwe zmien qabel ma kull wahda minnhom taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Effettivament Kendra Valerie ghandha l-eta ta' hmistax (15)-il sena, filwaqt li Averie Kailyn ghandha l-eta ta' tnax (12)-il sena. Konsegwentement, jekk hemm xi obbligu fl-esponenti li jiddepozita xi flus f'kont f'isimhom dan hu liberu li jaghmlu meta jrid sakemm kull wiehed u wahda minnhom taghlaq l-eta ta' tmintax-il sena.*

6. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, huwa sottomess li l-ammont ta' hamest elef ewro (Eur5,000) li kellu jigi depozitat f'isem Averie Kailyn, gia jinsab depozitat f'kont li l-esponenti fetah f'isimha mal-Bank of Valletta;*

7. *Illi konsegwentement it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

---

[2] Risposta a fol 7 u 8.

*Bl-ispejjez.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokument anness ma' l-avviż ossia, kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli datat l-24 ta' Mejju, 2018 li bih, ċertu Saviour sive Salvu sive Sam Gauci għamel stipulazzjonijiet versu l-minuri Averie Kailyn u Kendra Valerie aħwa Morales, ulied il-konvenut u Doreen Morales, tramite missierhom il-konvenut, sabiex jinfetħu żewġ kontijiet bankarji ntestati lill-minuri sabiex bihom jiġi assigurat li meta l-istess minuri jagħlqu tmintax (18)-il sena, jirċievu s-somma ta' EUR 5,000 kull wieħed.[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2023 l-attriċi ddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[4]

**Rat** in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Settembru, 2024 b'anness magħha rendikont dwar il-kont bankarju ntestat lilu f'isem Averie Kailyn.[5]

**Rat** in-nota ulterjuri tal-konvenut tal-15 ta' Novembru, 2024 b'anness magħha rendikont dwar il-kont bankarju ntestat lilu f'isem Kendra Valerie.[6]

**Rat** li fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2025 il-konvenut iddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2025 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti, saret it-trattazzjoni finali, u l-kawża ġiet differita għal-llum għas-sentenza.[8]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

[3] Kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli a fol 3.
[4] Verbal a fol 59.
[5] Nota a fol 78. Dokument a fol 79.
[6] Nota a fol 95. Dokument a fol 96.
[7] Verbal a fol 129.
[8] Verbal a fol 130.

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Doreen Morales**, għan-nom tal-atturi uliedha minuri, xehdet permezz ta' affidavit.[9]

Tiddikjara li hija kienet miżżewġa lill-konvenut u miegħu kellha liż-żewġ uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie.

Tgħid li fl-24 ta' Mejju, 2018 l-eks żewġha, il-konvenut, daħal f'kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli fejn l-illum mejjet Saviour Gauci ta' EUR 5,000 lil kull waħda minn uliedha.

Tgħid li Saviour Gauci kien parti mill-familja tagħha għal 26 sena u hi kienet tqiesu bħal missierha.

Tgħid li l-konvenut deher fuq il-kuntratt ta' donazzjoni peress li dak iż-żmien kellu kuntatt mal-familjari tagħha. Iżżid li permezz tat-tali kuntratt il-konvenut irċievha hu l-flus mingħand Saviour Gauci għan-nom ta' uliedhom. Iżżid li dan kien bil-kundizzjoni li huwa jiftaħ żewġ kontijiet separati f'ismu in rappreżentenza ta' uliedhom stante li t-tfal kien għadhom minuri.

Tiddikjara li safejn taf hi l-kontijiet qatt ma nfetħu. Iżżid li l-konvenut dejjem qalilha li huwa m'għandux il-flus u hi kkonkludiet li hu approprja ruħu minnhom a skapitu ta' uliedhom.

Tgħid li għalhekk ma kellha ebda alternattiva għajr li tinterponi dawn il-proċeduri.

Tgħid li hi lesta tirċievi l-ammont ta' EUR 10,000 f'isem uliedha sabiex tiġġestixxi l-istess fl-interess tagħhom.

**In kontro-eżami,**[10] xehdet li sa Jannar, 2024 bintha Kendra Valerie kellha 16-il sena mentri l-oħra Averie Kailyn kellha 13-il sena.

[9] Affidavit a fol 11.
[10] Traskrizzjoni a fol 50 sa 55.

Tgħid li fl-iskrittura bejn Saviour Gauci u l-konvenut hi ma kienitx involuta. Iżżid li minkejja dan hi kienet taf li Saviour kien għaddha EUR 10,000 lill-konvenut favur uliedhom.

Taqbel li skond l-iskrittura l-flus ġew mgħoddija lill-konvenut mhux lilha. Iżżid li dakinhar tal-iskrittura hi u l-konvenut kienu diġa legalment separati. Iżżid li l-flus kienu għat-tfal mhux għall-konvenut.

Tgħid li Saviour kien il-*partner* ta' ommha u llum huwa mejjet.

**In-Nutar Dr. Maria Vella Magro** xehdet[11] li l-kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli tal-24 ta' Mejju, 2018 ħejjitu hi fuq talba ta' Saviour Gauci. Tagħraf l-istess a fol 3. Iżżid li bih Gauci ta' EUR 10,000 b'donazzjoni lill-konvenut bil-patt li dan jiftaħ żewġ kontijiet bankarji fuq kull waħda miż-żewġ ti tfal tiegħu.

Tgħid li l-flus kellhom jinqasmu fl-ammont ta' EUR 5,000 favur kull waħda miż-żewġ t'ulied tal-konvenut.

Tagħraf il-firem fuq il-kuntratt bħala dwak tal-partijiet u tagħha bħala xhud.

Tgħid li huma lill-konvenut kienu jafdawh f'li jpoġġi l-flus fil-bank f'isem it-tfal kif maqbul.

**In kontro-eżami**,[12] xehdet li taqbel li oriġinarjament fuq il-kuntratt ta' donazzjoni kienet kelmitha Rita Vella li tiġi omm Doreen Morales. Tgħid li wara dan hi marret kelmet lil Rita u lil Saviour.

Tgħid li Rita u Saviour kienu jgħixu flimkien; hu isfel u hi fuq. Tgħid li hi għand Rita u Saviour marret kemm-il darba.

Tgħid li taħseb li fiż-żmien li saret l-iskrittura l-attriċi u l-konvenut kienu diġa' separati b'Rita u Saviour kellhom aktar fiduċja fil-konvenut u għalhekk riedu jgħaddu l-flus lilu.

[11] Traskrizzjoni a fol 31 sa 33.
[12] Traskrizzjoni a fol 33 sa 35.

Tgħid li hi abbozzat l-iskrittura skond kif tkelmet ma' Rita u Saviour imbagħad iltaqgħu għall-iffirmar. Iżżid li dakinhar tal-iffirmar lill-konvenut spjegatlu li l-flus kienu għat-tfal.

Iżżid li l-kuntratt, dakinhar tal-firma, spjegatu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

**In re-eżami**,[13] xehdet li ma jidhrilix li kien hemm involviment ta' xi avukat/i dwar il-kuntratt ta' donazzjoni.

**L-Avukat Dr. Nadia Vella**, xehdet[14] li hija l-avukat ta' Rita Vella u ġiet minnha eżentata sabiex tixhed. Tgħid li Rita Vella tiġi omm Doreen Morales.

Tgħid li f'Diċembru tal-2021 marret għandha Rita Vella u qaltilha li bintha Doreen ma kienx għadha ma' żewġha Juan. Iżżid li qaltilha wkoll li miż-żwieġ ma' Juan bintha kellha żewġt itfal. Tgħid li nfurmata wkoll li f'Mejju tal-2018 kienu ngħataw EUR 10,000 f'kontanti b'donazzjoni lil Juan sabiex l-istess jinqasmu fl-ammonti ta' EUR 5,000 favur kull waħda miż-żewġt itfal ta' Juan u Doreen. Iżżid li skond Rita, Juan kellu jżomm il-flus sa ma t-tfal jagħlqu 18-il sena.

Tgħid li Rita Vella nfurmata wkoll li evidenza li l-flus tpoġġew f'kontijiet bankarji favur it-tifla ta' bintha qatt ma ngħatatilha. Iżżid li Rita pretendiet li għalkemm it-tfal kien għadhom taħt it-tmintax (18)-il sena il-kontijiet bankarji kellhom jinfetħu. Iżżid li għalhekk Rita kemm-il darba talbet il-flus lura mingħand Juan iżda dawn qatt ma ngħataw lura.

Tgħid li Rita talbitha tikteb ittra lil Juan sabiex jirrifondi l-flus lura lilha biex hi mbagħad tkun tista tgħaddihom lit-tfal.

Teżebixxi kopja tal-ittra bonarja datata s-7 ta' Diċembru, 2021 li kienet intbgħatet lil Juan.[15]

---

[13] Traskrizzjoni a fol 35 u 36.
[14] Traskrizzjoni a fol 41 sa 45.
[15] Ittra bonarja a fol 48 u 49.

Tgħid li safejn taf hi Saviour Gauci kien il-*partner* ta' Rita Vella. Iżżid li llum huwa mejjet. Tgħid li jidher li l-EUR 10,000 donati kienu ġejjin mingħand Saviour.

Tgħid li ma tafx jekk Doreen u Juan kienx għadhom flimkien meta ġew mgħoddija l-flus favur uliedhom.

**In kontro-eżami**,[16] xehdet li safejn taf hi l-intendiment ma kienx li jkun hemm stennija sa' ma t-tfal ta' Juan u Doreen jagħlqu 18-il sena iżda li, mal-mgħoddija tal-flus minn Saviour lil Juan, Juan jiftaħ żewġ kontijiet bankarji favur iż-żewġ t'uliedu fejn il-flus jibqgħu sa ma l-istess uliedu jagħlqu 18-il sena. Iżżid li Rita lilha ma qaltilhix li l-flus tawhom lil Juan sabiex bihom jagħmel li jrid sa' ma uliedu jagħlqu 18-il sena.

Taqbel li f'kull każ it-tfal kellhom jirċievu l-flus meta jagħlqu 18-il sena mhux qabel.

Mistoqsija ratiex starmba li Rita, omm Doreen, għaddiet flus għan-neputijiet tagħha lir-raġel ta' bintha, mhux lill-bintha, tgħid li dwar dan staqsiet u rriżulta li dak iż-żmien Rita u bintha Doreen kienu miksurin bejniethom. Iżżid li oltre dan Rita kellha fiduċja fi Juan.

**Juan Miguel Morales Marroquin**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[17]

Jiddikjara li hu u Doreen Morales huma l-ġenituri ta' Averie Kailyn u Kendra Valerie u llum huma separati.

Jgħid li fi żmien id-donazzjoni tal-EUR 10,000 omm Doreen, Rita, kellha żewġ kontijiet bankarji f'isimha iżda fl-interessi ta' uliedu li fihom kellha tpoġġi xi flus għal uliedu. Iżid li dak iż-żmien hu u Doreen kienu diġa' separati.

Jgħid li Rita kienet f'relazzjoni ma' Saviour Gauci li rid iħalli EUR 10,000 lilu sabiex iżomm l-istess f'isem uliedu sakemm kull waħda minn uliedu tagħlaq 18-il sena.

[16] Traskrizzjoni a fol 45 sa 47.
[17] Affidavit rilaxxat bil-lingwa Ingliża a fol 57 u 58. Partijiet saljenti tradotti fil-Malti minn din il-Qorti.

Jgħid li Rita ma kienitx tafda lil bintha Doreen għalhekk għażlet li tali ftehim isir miegħu mhux ma' bintha, u dan minkejja li dak iż-żmien hu u Doreen kienu diġa' separati.

Jgħid li Rita u Saviour kellmuh dwar dan u hu qabel. Iżid li Rita kellmet nutar u ltaqgħu d-dar ta' Rita għall-iffirmar tal-iskrittura fejn u ġie struwit jiftaħ kontijiet bankarji f'isem uliedu.

Jgħid li minkejja li dan kollu ġie organizzat minn Rita, kien Saviour li għaddielu l-EUR 10,000. Iżid li ffirmaw il-ftehim, Rita fetħet il-kontijiet bankarji, u fl-istess tpoġġew EUR 5,000 f'isem kull waħda miż-żewġt uliedu.

Jgħid li l-ideja – u anke l-intenzjoni tiegħu – kienu li meta uliedu jagħlqu 18-il sena il-flus jiġu rilaxxati lilhom.

Jgħid li m'għandu ebda ntenzjoni jirrifjuta li jagħddi l-flus lill-uliedu meta jilħqu l-eta' meħtieġa.

Jiddikjara li huwa ġieli żbanka xi flus minn tali kontijiet iżda l-intenzjoni dejjem kienet li t-total ikun disponibbli għall-uliedu fiż-żmien opportun. Iżid li fil-fatt kull m'hemm nieqes mit-total ta' EUR 10,000 huwa EUR 1,000.

Jgħid li joġġezzjona li Doreen tingħata aċċess għall-flus għax kemm Rita kif ukoll Saviour mhux hekk riedu. Iżid li tali flus huma għat-tfal u ħadd m'għandu jkollu aċċess għalihom jekk mhux huma.

**In kontro-eżami**,[18] xehed li l-kura ta' uliedu llum hija f'datha f'idejn Doreen. Iżid li uliedu għandhom 16 u 14-il sena – fid-data tas-27 ta' Settembru, 2024 meta qiegħed jixhed. Jgħid li kuntatt ma' uliedu m'għandux.

Jgħid li huwa ma rċievhix l-EUR 10,000 f'idejh iżda dawn kienu trasferiti diġitalment. Iżid li kienu nfetħu żewġ kontijiet f'isem uliedu Averie u Kendra. Jgħid li responsabbli mill-kontijiet bankarji kien hu.

[18] Xhieda mogħtija bil-lingwa Ingliża. Partijiet saljenti tradotti minn din il-Qorti. Traskrizzjoni a fol 80 sa 87.

Jgħid li fil-bidu l-EUR 10,000 inqasmu f'EUR 5,000 u EUR 5,000. Jgħid li fi żmien il-pandemija tal-Covid-19 kellu l-problemi u ġie suġġerit lilu li juża valur wieħed ta' EUR 5,000 b'dan li jpoġġihom lura meta jista. Iżid li s'issa għadu ma poġġiex il-flus li ħa lura.

Jaqbel li dawk il-flus huma ta' uliedu mhux tiegħu. Iżid li safejn jaf hu kull ma ħa minnhom kienu EUR 1,000. Jgħid li issa hemm kont b'EUR 5,000 u ieħor b'EUR 4,000. Jgħid li t-total ta' EUR 9,000 inqabad bi proċeduri tal-Qorti.

Jinsisti li minn ta' uliedu hu ħa biss EUR 1,000.

Jgħid li hu jaf li l-flus mhumiex tiegħu iżda ta' uliedu. Iżid li malli uliedu jagħlqu 18-il sena huwa sejjer ċertament jatihomlhom.

Jgħid li ma jaqbilx li flok fuqu fl-interess ta' uliedu l-flus iduru fuq Doreen fl-interess ta' uliedhom għax diġa' kien hemm ċirkostanzi fejn Doreen ħadet xi flus tat-tfal.

Jaqbel li hu għandu familja oħra barra minn Malta. Iżid li minkejja dan xorta jibqa' Għawdex għax għandu liż-żewġtt itfal l-oħra Għawdex.

**In re-eżami**,[19] xehed li huwa jaħdem il-*Hotel Kempinski San Lawrenz*. Iżid li jaħdem u jgħix Malta.

**Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, xehdet[20] li bħala kontijiet referibbli għal-każ sabet tnejn, ilkoll miftuħin f'isem il-konvenut iżda bħala kontijiet ta' minuri – *young savers accounts*.

Tgħid li kont minnhom nfetaħ u ngħalaq mingħajr qatt ma tpoġġew flus fih mentri ieħor għadu miftuħ.

Tgħid li ġenitur li jrid jiftaħ kont għal ibnu/bintu *young savers account* bħal dan biss jista jiftaħ.

[19] Traskrizzjoni a fol 87 sa

[20] Traskrizzjoni a fol 64 u 65.

**In kontro-eżami**,[21] xehdet li ż-żewġ kontijiet li rreferit għalihom it-tnejn infetħu fil-15 ta' Diċembru, 2021 b'dak li ngħalaq ingħalaq fit-3 ta' Ottubru, 2022 b'bilanċ ta' xejn.

Tgħid li fil-kont l-ieħor kien hemm xi flus li pero' inġibdu kollha. Iżżid li dawn inġibdu minħabba sekwestru u tpoġġew il-Qorti. Tgħid li bis-sekwestru inqabad it-total ta' EUR 5,078.79.

Teżebixxi rendikontijiet għaż-żewġ kontijiet *young savers accounts*.[22]

**Xehdet ulterjorment**[23] li qed tippreżenta rendikontijiet ta' kontijiet banakrji ntestati lill-konvneut wieħed bħala kont ta' Averie u ieħor bħala kont ta' Kendra.

Tgħid li fil-kont ta' Kendra m'hemm bilanċ ta' xejn mentri f'ta' Averie kien hemm EUR 5,078.79 li nqabad b'sekwestru.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, Doreen Morales, omm Averie Kailyn u Kendra Valerie aħwa Morales, talbet lill-missier l-istess uliedha, il-konvenut Juan Miguel Morales Marroquin, jgħid il-għaliex m'għandux jiġi kkundannat jiddepożita s-somma ta' EUR 5,000 dovuta lill kull waħda minn uliedhom f'kont bankarju kif hekk kien intrabat jagħmel mas-sieħeb ta' ommha, Saviour sive Salvu sive Sam Gauci permezz ta' skrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli ffirmata nhar l-24 ta' Mejju, 2018, liema somom skontha l-konvenut approprja għalih.

Il-konvenut laqgħa għal din it-talba attriċi billi ssolleva diversi eċċezzjonijiet, senjatament: [**i**] li Doreen Morales, *qua* attriċi għan-nom u in rappreżentanza ta' uliedhom msemmija, trid tispjega b'liema awtorita' aġġixxiet f'isem l-istess uliedhom minuri; [**ii**] li fl-istess attriċi u f'uliedu jonqos l-interess ġuridiku sabiex jippromwovu proċeduri bħal dawk odjerni stante li huma ma' kienitx parti mill-iskrittura privata in mertu;

---

[21] Traskrizzjoni a fol 65 u 66.
[22] Rendikont intestata lill-konvenut *a/c Kendra Valerie Morales* a fol 67 sa 69 u ieħor *a/c Averie Kailyn Morales* a fol 70 sa 74.
[23] Traskrizzjoni a fol 124 sa

[**iii**] li min-natura tagħha, skrittura privata, aktar minn kuntratt pubbliku, għandha biss rabta u effett bejn il-firmatarji tagħha u ma' torbotx terzi; [**iv**] li f'kull każ, l-istess skrittura privata tipprovdi kundizzjonijiet dwar l-obbligi assunti minnu, u; [**v**] li wkoll f'kull każ, huwa diġa' aderixxa ruħu ma' parti mill-obbligi tiegħu skond l-iskrittura privata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

It-talba attriċi hija msejjsa fuq l-iskrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli ffirmata nhar l-24 ta' Mejju, 2018 bejn Saviour sive Salvu sive Sam Gauci – li deher fuqha bħala donatur – u l-konvenut Juan Miguel Morales Marroquin – li deher fuqha bħala donatarju – li taqra testwalment:

> *By virtue of this agreement the Donor gives by title of irrevocable Donation the sum of ten thousand Euro (€10,000) and the Donee declares that he is receiving the said sum, provided that the Donee is binding himself to open two (2) accounts with a local Bank in his name, one addressed for the Donee's daughter Averie Kailyn who is still a minor [daughter also of Doreen daughter of Rita Vella] until she reaches the age of eighteen (18) for the sum of five thousand Euro (€5,000), and one in the name of the Donee's daughter Kendra Valerie, who is still a minor [daughter also of Doreen daughter of Rita Vella] until she reaches the age of eighteen (18) for the sum of five thousand Euro (€5,000).*[24]

Il-validita' ta' din l-iskrittura privata mhijiex kontestata tant li l-attriċi, għan-nom ta' uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie, sostniet it-talba tagħha in forza tagħha mentri fix-xhieda tiegħu l-konvenut baqa' kostanti dwar il-fatt li tali skrittura iffirmaha wara li kellmuh omm l-attriċi, Rita Vella, u s-sieħeb tagħha Saviour Gauci u qalulu xi xtaqu jagħmlu. Oltre minn hekk, in-Nutar Dr. Maria Vella Magro li ħejjiet l-istess skrittura u dehret fuqha bħala xhud tal-firem ikkonfermat li hija ħejjiet l-istess dokument wara li tkellmet kemm ma' Rita Vella kif ukoll ma Saviour Gauci u t-tnejn ikkonfermaw ix-xewqa tagħhom li ssir tali skrittura.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet Doreen Morales u Juan Morales, ġenituri tal-benefiċċjarji fuq l-istess skrittura Averie Kailyn u Kendra Valeria aħwa Morales, hija dwar il-mod kif l-istess skrittura kellha u għandha tiġi

[24] Kopja a fol 3.

nterpretata, partikolarment fejn jidħol il-mekkaniżmu dwar meta l-benefiċċju proprju għandu jidħol fis-seħħ.

L-attriċi, tul ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, tinsisti li l-konvenut kellu jiftaħ żewġ kontijiet bankarji f'isem kull waħda minn uliedhom immedjatament malli l-ammont ta' EUR10,000 li kellu jinqasam ugwalment bejn uliedhom ġie reż disponibbli lilu għal tali għan. Dan il-ħsieb jidher kondiviż mill-Avukat Dr. Nadia Vella li wkoll xehdet f'dawn il-proċeduri u ddikjarat li omm l-attriċi, Rita Vella, dehret li wkoll kienet tal-ħsieb li malli l-ammont kien reż disponibbli lill-konvenut dan kellu jiftaħ żewġ kontijiet bankarji mill-ewwel, mhux jutilizza l-flus għalih u kif irid sa ma jiskattaw xi obbligi skond l-iskrittura privata ċċitata.

Da parti tiegħu, il-konvenut, apparti li jinsisti li skond l-istess skrittura privata l-obbligu proprju tiegħu jiskatta biss malli uliedu jagħlqu t-tmintax (18)-il sena, jgħid ukoll li f'kull każ, huwa aderixxa ma' dak rikjest minnu u fetaħ il-kontijiet bankarji relattivi b'dan iżda li fi żmien ta' bżonn, waqt il-pandemija tal-*Covid-19*, bil-kunsens ta' xi ħadd li ma jidentifikax, utilizza biss EUR1,000 mit-total ta' EUR10,000 ta' uliedu. Iżid ukoll li f'xi waqt sar sekwestru tramite l-Qorti u r-rimanenti EUR9,000 ġew għalhekk milquta u marbuta bil-Qorti. Oltre dan, jgħid ukoll li huwa dejjem kien u jibqa lest li malli jiskatta l-obbligu tiegħu fiż-żmien li uliedu jagħlqu t-tmintax (18)-il sena; huwa jgħaddi lill-uliedu l-EUR5,000 dovuti lil kull waħda minnhom.

Tali argumenti tal-konvenut isegwu, iżda, eċċezzjonijiet ta' natura proċedurali li jridu jiġi disposti minn din il-Qorti qabel kull kunsiderazzjoni oħra.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

In suċċint, il-fatti li waslu għal din l-istanza huma s-segwenti:

i. Il-partijiet Doreen Morales u Juan Miguel Morales Marroquin kienu miżżewġin bi żwieġ iċċelebrat f'Malta nhar is-26 ta' April, 2009;[25]

[25] Data tirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat bejniethom nhar l-20 ta' Jannar, 2018, a fol 12 *et seq.*

ii. Minn tali żwieġ twieldu ż-żewġ uliedhom; Kendra Valerie nhar it-28 ta' Settembru, 2007 u Averie Kailyn nhar l-1 ta' Jannar, 2010; [26]

iii. Il-partijiet kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali tal-20 ta' Jannar, 2018 in atti Nutar Paul George Pisani; [27]

iv. Fl-24 ta' Mejju, 2018, Saviour Gauci, sieħeb Rita Vella, omm l-attriċi, deher fuq l-sikrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli mal-konvenut u għaddielu EUR10,000 sabiex jinqasmu b'mod ugwali f'żewġ kontijiet bankarji miżmuma mill-istess konvenut fl-interess ta' kull waħda minn uliedu sabiex il-valur ta' EUR5,000 għal kull waħda minn ulied il-konvenut ikun b'hekk disponibbli malli kull waħda minnhom tagħlaq it-tmintax (18)-il sena;[28]

v. Minn hawnhekk tinbet il-kontestazzjoni bejn il-partijiet billi l-attriċi Doreen Morales f'isem uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie tinsisti li l-konvenut kellu u għadu ma għamilx dak rikjest mill-iskrittura privata mentri l-konvenut jinsisti li apparti li għamel dak rikjest minnu skond l-iskrittura privata l-obbligu veru tiegħu li jagħmel EUR5,000 disponibbli lil kull waħda minn uliedu malli l-istess jagħlqu tmintax (18)-il sena għadu anqas biss skatta stante li uliedu għadhom minuri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel tgħaddi għal-kunsiderazzjonijiet dwar kwalunkwe' eċċezzjoni fil-mertu, din il-Qorti trid, kif sejra, tiddisponi minn dawk l-eċċezzjonijiet ta' natura proċedurali li ssolleva l-konvenut.

Tali eċċezzjonijiet jistgħu faċilment jiġu miġbura fi tnejn:

a. L-awtorita' o meno tal-attriċi Doreen Morales f'li tintavola proċeduri għan-nom u fl-interess ta' uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie,[29] kif ukoll;

---

[26] Dati jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet kontendenti nhar l-20 ta' Jannar, 2018, a fol 12 *et seq.*
[27] Kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali a fol 12 *et seq.* tali kuntratt ġie eżebit mill-attriċi stess mal-affidavit tagħha a fol 11 filwaqt li mal-veraċita' u l-fedelta' tal-kopja eżebita mal-oriġinal l-konvenut qabel formalment bl-affidavit tiegħu a fol 57 u 58.
[28] Kopja tal-iskrittura privata a fol 3.
[29] Eċċezzjoni numri tnejn (2).

b. l-interess ġuridiku tal-ulied nfishom f'li jippromwovu dawn il-proċeduri.[30]

Jingħad qabel xejn li tenut kont tad-dati tat-twelid għal kull waħda minn ulied il-konvenut u Doreen Morales li jirriżultaw mill-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-istess Doreen u l-konvenut a fol 12 *et seq* tal-proċess bħala t-28 ta' Settembru, 2007 għal Kendra Valerie u l-1 ta' Jannar, 2010 għal Averie Kailyn; l-istess żewġ t'ulied tal-konvenut u Doreen Morales għadhom sal-llum minuri għall-effetti tal-liġi.

***L-awtorita' o meno tal-attriċi Doreen Morales f'li tintavola proċeduri għan-nom u fl-interess ta' uliedha Averie Kailyn u Kendra Valeire:***

Il-Kodiċi Ċivili nostran, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jitratta s-setgħa tal-ġenitur taħt is-Sub-titolu I tat-Titolu IV intitolat *Fuq l-Effetti tas-Setgħa tal-Ġenituri fuq l-Ulied Taħt l-Età.*

Tali setgħa tal-ġenituri tispiċċa *ipso jure*, f'diversi każijiet identifikati mill-Kodiċi Ċivili nkluż meta l-wild jagħlaq tmintax-il sena.[31]

Dment iżda li l-wild ikun għadu taħt is-setgħa tal-ġenitur japplikaw diversi proviżżjonijiet tas-Sub-titolu I tat-Titolu IV tal-Kap. 16 inkluż dawk tal-Artikolu 136 li jiddisponi hekk:

> **136.** *(1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.*
>
> *(2) Atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu, iżda, jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent tal-ieħor.*
>
> *(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien jinkludu –*

[30] Eċċezzjonijiet numri tlieta (3), u erbgħa (4).
[31] Ref.: Artikolu 150(b), Kap. 16, Liġijiet ta' Malta.

a) *it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluż vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz tagħhom ikun impjegat bi qligħ;*
b) *il-ġbid ta' kapitali li jkunu għalqu;*
c) *l-għoti ta' jeddijiet personali għat-tgawdija minn proprjetà immobbli;*
d) *l-aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel;*
e) *il-qsim ta' ħwejjeġ mobbli minnhom infushom;*
f) *atti li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-qorti skont is-subartikolu (4).*

*(4) Il-ġenituri ma jistgħux jittrasferixxu ħwejjeġ immobbli jew ħwejjeġ mobbli għax hekk tqishom il-liġi u li jkunu proprjetà tat-tifel lanqas ma jistgħu jissellfu jew jagħmlu dejn ieħor f'ismu,jipotekaw jew iwiegħdu l-proprjetà tiegħu, jagħtuha b'garanzija,jidħlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni għal arbitraġġ,ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara u bis-setgħa tal-qorti uf'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-ġenituri, tawtorizzalil wieħed mill-ġenituri biex jidher għat-tifel fuq l-att relattiv.*

*(5) Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 131.*

Il-partijiet rilevanti tal-Artikolu 131 iċċitat fl-Artikolu 136 huma s-segwenti:

**131.** *(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi* […]

Importanti wkoll hija s-segwenti parti tal-Artikolu 146:

**146.** *(1) Jekk wieħed mill-ġenituri jmut, is-setgħa tal-ġenituri tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwelġenitur.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll meta wieħed mill-ġenituri jkun tilef jew tneħħitlu s-setgħa ta' ġenitur, jew ma jkunx jista', minħabba li jkun nieqes jew minħabba impediment ieħor, jeżerċita l-jeddijiet tas-setgħa ta'ġenitur* [...]

Fil-każ odjern, prinċipalment in kontestazzjoni hemm il-*locus standi* tal-attriċi Doreen Morales ossia, jekk l-istess attriċi kelliex l-awtorita' u d-dritt li tistittwixxi l-kawża li wasslet għal din id-deċiżjoni.

Skond l-artikoli tal-liġi nostrana suċċitati, *il-ġenituri <u>flimkien</u> jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, <u>ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri</u> jew minn terzi* [Art. 136(1)].

Oltre dan, *atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent tal-ieħor* filwaqt li *atti ta' amministrazzjoni straordinarja għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien* [Art. 136(2) u (3)].

Importanti hawn hu l-fatt li l-liġi ma tagħtix lista eżawrjenti tal-atti li għandhom jitqiesu bħala ta' amministrazzjoni straordinarja iżda tagħti biss eżempji tat-tali atti, tant li fil-bidu tal-lista pprovduta bħala eżempji ta' atti straordinarji, l-Artikolu 136(3) jiftaħ bil-kelma *"jinkludu"*.

L-Artikolu 131 jipprovdi mbagħad dritt ta' rikors għal Qorti f'każ ta' nuqqas ta' qbiel bejn il-ġenituri tal-minuri billi jipprovdi li f'tali każ; *kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

L-Artikolu 146 jitkellem dwar telf jaw tneħħija tas-*setgħa ta' ġenitur*.

Fil-każ odjern, jirriżulta li skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali li ġie ffirmat bejn il-partijiet Juan Miguel Morales Marroquin u Doreen

Morales, il-kura u l-kustodja ta' uliedhom Kendra Valerie u Averie Kailyn tħalliet lill-omm, Doreen Morales.[32]

Minkejja dan, f'dan il-każ mhemmx lok għalfejn wieħed jeżamina jekk tali klawżola fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tistax twassal għat-tneħħija tas-setgħa ta' ġenitur dment li bl-applikazzjoni l-Artikolu 131(3) suċċitat; fil-każ odjern jirriżulta diżgwid bejn il-ġenituri tal-ulied minuri *dwar ħwejjeġ ta'importanza partikolari*, fejn allura *kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti* […] *fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi* – kif fil-fatt għamlet l-omm Doreen Morales.

Din il-Qorti tqies għalhekk li Doreen Morales, *qua* attriċi f'isem u fl-interess ta' uliedha minuri, kellha l-awtorita' meħtieġa sabiex tintavola dawn il-proċeduri odjerni għan-nom u fl-interess ta' uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie.

Dwar imbagħad il-parti tal-Artikolu 136(1) li trid illi *l-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi* tkun eskluża mill-amministrazzjoni konġunta tal-ġenituri – stante li f'dan il-każ l-iskrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli tal-24 ta' Mejju, 2018 saret biss ma' missier il-minuri, Juan Miguel Morales Marroquin, din il-Qorti tqies li in linea ġenerali l-leġittimazzjoni proċesswali għall-kontestazzjoni ta' azzjoni hi determinata mit-talba li tkun proposta.

Fil-każ in eżami t-talba kif proposta hija imfassla għan-nom tal-minuri u hija dwar flus mħollija lilhom tramite missierhom.

Id-donatur Saviour Gauci ried li l-amministrazzjoni tat-tali flus tiġi vestita f'missier il-minuri, mhux ukoll jew fl-attriċi.

Dan huwa permissibbli mill-Liġi u huwa wkoll ikkontemplat fl-Artikolu 136 suċċitat kif ingħad.

Iżda wkoll li dan għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' dak diġa' ikkunsidrat dwar l-Artikolu 131(3) fejn il-kliem tal-Liġi huma ċari u fil-

---

[32] Ref.: klawsola ħdax (11) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali: **11.** *The parties hereby agree that the care and custody of the minor daughters Kendra Valerie Morales and Aveire Kailyn Morales above-mentioned, shall be enstruted to the mothe* ċitaz. Minn fol 13.

fehma tal-Qorti, il-volonta' tad-donatur ma jegħlibx ir-rieda tal-leġislatur għal dak li jirrigwarda r-rappreżentanza legali.

Dan huwa wkoll sorrett minn disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdu għad-dekadenza mis-setgħa tal-ġenitur li għandha ssir b'ordni tal-Qorti (ref.: Artikoli 150 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili).

Din il-Qorti tikkonferma għalhekk li Doreen Morales, *qua* attriċi f'isem u fl-interess ta' uliedha minuri, kellha l-awtorita' meħtieġa sabiex tintavola dawn il-proċeduri odjerni għan-nom u fl-interess ta' uliedha Averie Kailyn u Kendra Valerie.

***L-interess ġuridiku tal-ulied nfishom f'li jippromwovu dawn il-proċeduri***:

Skond l-Artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili:

> **1000.** *Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.*

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Grace Difesa vs HSBC Life Assurance (Malta) Ltd*** ġie ritenut:

> *Kuntratti simili kienu jezistu wkoll fid-dritt Ruman, u fil-perjodi tal-bidu, kien l-istipulanti li kellu jipprocedi kontra l-parti l-ohra biex din taghti lill-beneficcjarju d-drittijiet kontemplati fil-kuntratt; il-benficcjarju ma kellu ebda azzjoni diretta kontra l-konvenut li kien obbligat jibbenefikah. Aktar tard, pero', il-beneficcjarju nghata dan id-dritt ta' azzjoni diretta, mhux ex pacto, izda ex decreto magistratus. Dan id-dritt ta' azzjoni diretta gie eventwalment inkorporat fid-dritt civili ta' dawk il-pajjizi li l-bazi tal-Kodici Civili taghhom hu d-dritt Ruman, u* ***illum hu accettat li l-beneficcjarju taħt kuntratt bejn zewg partijiet ohra, ghandu azzjoni diretta ghall-protezzjoni tal-beneficcju koncess lilu b'dak il-kuntratt****. Dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Millard vs Said et", f'sentenza studjata u elaborata li tat fl-14 ta' Settembru, 1988. Fuq dan il-*

> *punt, dik l-Onorabbli Qorti osservat li l-attrici ghandha azzjoni personali u tista' tagixxi hi a bazi tal-artikolu 1000, peress li bil-kuntratt bejn il-prokuratur u Said saret kondizzjoni favur terz (f'dak il-kaz, li l-attrici tithalla dgawdi l-fond in vendita sa ma tmut): ir-riserva kienet bhala kondizzjoni tal-istess koncessjoni, u din il-kondizzjoni saret favur terzi, u t-terz giet infurmata bir-riserva favur taghha b'ittra li ntbaghtitilha.*
>
> [enfażi miżjuda]

Fil-każ ta' Grace Difesa, l-attriċi dehret *f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri*.

F'dan il-każ odjern, jirriżulta għalhekk li jeżisti l-interess ġuridiku meħtieġ fl-ulied minuri Averie Kailyn u Kendra Valerie aħwa Morales, kif rapppreżentati minn ommhom Doreen Morales.

Twemmin mod ieħor iwassal sabiex ġenitur jew kuratur konċernat dwar l-interess ta' minuri benefiċċjarju f'kuntratt bejn terzi ma' jkun jista jieħu ebda azzjoni sabiex jittutela l-interess tat-tali minuri.

Interessanti wkoll il-fatt li l-Artikolu 1000 tal-Kap. 16 ma' jiddistingwix bejn skrittura privata u kuntratt pubbliku iżda jitkellem biss dwar kuntratt għall-vantaġġ ta' terza persuna, jew patt, donazzjoni, jew konċessjoni – punt li fil-ħsieb ta' din il-Qorti jinnewtralizza r-raba' (4) eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Ikkunsidrati dawn il-prinċipji proċedurali mportanti sabiex titqies il-validita' tal-azzjoni meħudha mill-attriċi Doreen Morales favur l-interessi ta' uliedha minuri, jibqa' sabiex din il-Qorti tqies jekk fil-mertu, il-konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu b'xi mod li jista jwassal sabiex tintlaqa' t-talba attriċi kif proposta.

Kif ingħad, l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas immedjat bi tpoġġija f'żewġ kontijiet bankarji tal-valur ta' EUR10,000 mogħti b'donazzjoni liż-żewġ t'ulieda f'partijiet ugwali ta' EUR5,000 lill kull waħda minnhom.

Da parti tiegħu, il-konvenut, oltre li jgħid li huwa diġa' aderixxa mall-istipulazzjonijiet tal-iskrittura privata ta' donazzjoni irrevokablbi, isostni

li f'kull każ l-obbligu tiegħu kien biss li l-EUR5,000 ikunu minnu magħmulha disponibbli għal kull waħda miż-żewġt uliedu malli kull waħda minnhom tagħlaq it-tmintax (18)-il sena.

Kif diġa' osservat, jirriżulta li sad-data ta' din id-deċiżjoni ebda waħda miż-żewġt ulied ta' Doreen Morales u l-konvenut għad m'għalqat it-tmintax (18)-il sena. Bint il-partijiet Kendra Valerie, il-kbira fost it-tnejn, sejra fil-fatt tagħlaq it-tmintax (18)-il sena f'Settembru ta' din is-sena, mentri din id-deċiżjoni qiegħda tingħata f'Ġunju.

Din il-Qorti osservat bir-reqqa il-varji dokumenti eżebiti mir-rappreżentanta tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, Georgina Gauci. Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-istess Georgina Gauci dwar il-kontijiet bankarji relattivi kif ukoll dik tal-konvenut dwar x'ġara mill-flus li waslu għandu a benefiċċju ta' uliedu.

Din il-Qorti tissofferma ruħha iżda fuq il-kliem tal-iskrittura privata ta' donazzjoni irrevokabbli li ma' jħalli ebda dubbju li l-konvenut Juan Miguel Morales Marroquin irċieva s-somma ta' EUR10,000 u ntrabat li, **f'xi stadju** – mhux dikjarat meta – jiftaħ żewġ kontijiet bankarji f'ismu, fl-interess ta' kull waħda minn uliedu, basta li meta kull waħda minn uliedu tagħlaq it-tmintax (18)-il sena hija jkollha disponibbli għalijha l-valur ta' EUR5,000.

Il-Qorti hawn ma tistax ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut li huwa ma ġie bl-ebda mod kostrett jiftaħ il-kontijiet bankarji sa xi data partikolari, jew jagħmel il-flus imħollija lill-uliedu disponibbli lilhom jew lil ħaddieħor qabel ma uliedu jilħqu t-tmintax (18)-il sena. U dan minkejja dak li għalih jalludu Doreen Morales u l-Avv. Dr. Nadia Vella fejn jgħidu li skonthom, Rita Vella – li anqas kienet parteċipi fl-iskrittura privata in mertu – riedet li l-flus ikunu disponibbli lit-tfal immedjatament.

Anzi, jekk wieħed ikollu jaqra – u mhux jinterpreta – sew l-iskrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli, l-istess tidher tippretendi li semmai, il-konvenut kellu jiftaħ il-kontijiet bankarji relattivi sa meta kull waħda minn uliedu tagħlaq it-tmintax (18)-il sena – *is binding himself to open two (2) accounts with a local Bank in his name* [...] *until she* – kull waħda minn uliedu – *reaches the age of eighteen (18)*.

Il-prinċipji ta' *pacta sund servanda* u *contra testimonium scripta testimonium non scriptum non feritur*, li huma lkoll rispekjati fl-Artikoli 992(1)[33] u 1002[34] tal-Kodiċi Ċivili nostran, ċertament li hawn kemm isibu applikazzjoni kif ukoll ma' jinneċċessitawx eżamijiet approfonditi.

Il-Qorti tqies għalhekk li lill'hemm mil-provi mressqa dwar fejn marru l-flus donati lill-ulied Doreen Morales u l-konvenut minn Saviour Gauci, sa issa għadhom ma skattawx il-kundizzjonijiet referibbli fl-iskrittura privata ta' donazzjoni rrevokabbli tal-24 ta' Mejju, 2018 – suċċitata *verbatim* – li jistgħu jagħtu xi dritt ta' pretensjoni lill xi parti nteressata.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talba attriċi.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[33] **992.** (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.
[34] **1002.** *Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.*